Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 771/2014**

tal-14 ta' Lulju 2014

li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS

(ĠU L 209, 16.7.2014, p. 20)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 27, 3.2.2016, p. 14 (771/2014)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 771/2014

tal-14 ta' Lulju 2014

li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 18(3), 72(3), 98(2), u 115(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, jeħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet li jistipulaw:

— il-mudell għat-tressiq ta' programmi operattivi li jikkonċernaw miżuri li għandhom jiġu kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS);

— l-istruttura tal-pjanijiet għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE (“pjanijiet ta' kumpens”);

— il-mudell għat-trażmissjoni mill-Istati Membri ta' dejta finanzjarja b'rabta mat-tbassir tal-ammont li għalih ikunu mistennija li jressqu applikazzjonijiet għall-ħlas;

— l-elementi li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni ex-ante tal-programmi operattivi; u

— ir-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet dwar l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi matul il-perjodu ta' programmar.

[1] ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

▼B

(2) Dawk id-dispożizzjonijiet huma marbutin mill-qrib, billi jikkonċernaw aspetti differenti tal-kontenut u tal-preżentazzjoni tal-programmi operattivi u l-pjanijiet ta' kumpens li għandhom jitressqu mill-Istati Membri fil-qafas tal-FEMS. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza meħtieġa bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex titħaffef l-applikazzjoni tagħhom mill-awtorità ta' ġestjoni, huwa mixtieq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(3) Il-mudell għall-programmi operattivi għandhom jarmonizza l-preżentazzjoni tad-dejta f'kull sezzjoni tal-programm operattiv. Dan huwa meħtieġ sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun konsistenti, komparabbli u, fejn meħtieġ, li tkun tista' tiġi aggregata.

(4) Il-mudell għall-programmi operattivi se jifforma l-bażi għall-iżvilupp tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika msemmija fl-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fir-rigward tal-programmi operattivi. Il-mudell għalhekk għandu jistabbilixxi l-mod kif id-dejta dwar il-programmi operattivi tkun se tiddaħħal fis-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika. Madankollu, dan m'għandux jaffettwa l-preżentazzjoni finali tal-programmi operattivi, inkluż it-tqassim tat-test u t-tabelli, billi s-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika għandha tippermetti strutturar u preżentazzjoni differenti tad-dejta li tkun iddaħħlet f'din is-sistema.

(5) Il-mudell għall-programmi operattivi għandu jirrifletti l-kontenut tal-programm operattiv stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet konsistenti għaddħul tad-data, il-mudell għandu jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull sezzjoni fis-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika. Minbarra d-data strutturata, il-mudell għandu jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi ppreżentata informazzjoni mhux strutturata fil-forma ta' annessi obbligatorji jew mhux obbligatorji. Għal dawn l-annessi, m'hemmx bżonn li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi.

(6) L-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistipula li l-Istati Membri kkonċernati għandhom iressqu lill-Kummissjoni pjan għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġabbra mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-iktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

(7) Skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, dawk il-pjanijiet ta' kumpens għandhom jinkludu wkoll informazzjoni dwar għajnuna mill-istat mogħtija mill-Istati Membri fil-forma ta' finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

▼B

(8) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tiżgura l-konsistenza u l-kwalità tal-informazzjoni, livell minimu ta' dettall u format standardizzat. Barra minn hekk, għandha tippermetti li jsir paragun fost ir-reġjuni kkonċernati, kif ukoll bejn snin differenti ta' implimentazzjoni.

(9) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tinkludi t-tqassim, skont ir-reġjun l-aktar imbiegħed, tal-lista ta' prodotti eliġibbli tas-sajd u l-akkwakultura u t-tip ta' operaturi msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(10) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tinkludi wkoll il-livell ta' kumpens ikkalkulat skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014..

(11) L-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistipula li l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni tbassir tal-ammont li għalih huma mistennija li jressqu applikazzjonijiet għal ħlas għas-sena finanzjarja kurrenti u għas-sena ta' wara.

(12) Il-mudell li għandu jintuża mill-Istati Membri meta jressqu dak it-tbassir għandu jiżgura li informazzjoni uniformi tkun għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u sabiex jiġu pprovduti l-mezzi għal implimentazzjoni effettiva tal-programm filwaqt li titħaffef il-ġestjoni finanzjarja.

(13) Skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu evalwazzjonijiet ex ante sabiex itejbu l-kwalità tat-tfassil ta' kull programm. L-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jirrikjedi li dawk l-evalwazzjonijiet ex ante jitressqu lill-Kummissjoni fl-istess ħin mal-programm, flimkien ma' sommarju eżekuttiv. L-elementi li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante skont l-Artikolu 115(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 għandhom jippermettu l-armonizzazzjoni meħtieġa tad-dejta li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq is-sinteżi tar-rapporti ex ante fil-livell tal-Unjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(14) Skont l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, pajn għall-evalwazzjoni tal-programm operattiv matul il-perjodu ta' programmar għandu jitfassal mill-awtorità ta' ġestjoni. L-Artikolu 18(1)(j) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jirrikjedi li l-pjan ta' evalwazzjoni jiġi inkluż fil-programmi operattivi. Ir-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tivverifika jekk l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u r-riżorsi previsti fil-pjan humiex realistiċi, u jippermettu lill-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-evalwazzjoni inklużi fl-Artikolu 54(1) u (2) u l-Artikolu 56(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(15) Sabiex il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd,

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Preżentazzjoni tal-kontenut tal-programmi operattivi

Il-kontenut tal-programm operattiv deskritt fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 għandu jiġi ppreżentat skont il-mudell imfassal fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Struttura tal-pjan ta' kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda

L-istruttura għall-pjan ta' kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif prevista fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 hija mfassla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja

Meta jippreżentaw id-dejta finanzjarja lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-Istati Membri għandhom jużaw il-mudell imfassal fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Kontenut tal-evalwazzjoni ex ante

L-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandha tinhemeż mal-programm operattiv fil-forma ta' rapport li jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) sommarju eżekuttiv bl-Ingliż;

(b) sommarju eżekuttiv fil-lingwa/i tal-Istat Membru rilevanti;

(c) l-elementi speċifiċi stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni

Ir-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni previsti fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huma stabbiliti fil-punt 10 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Mudell għall-programmi operattivi taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

CCI	*<0.1 type="S" maxlength="15" input="S">* ([1])
Titolu	*<0.2 type="S" maxlength="255" input="M">*
Verżjoni	*<0.3 type="N" input="G">*
L-ewwel sena	*<0.4 type="N" maxlength="4" input="M">*
L-aħħar sena	*<0.5 type="N" maxlength="4" input="M">*
Eliġibbli minn	*<0.6 type="D" input="G">*
Eliġibbli sa	*<0.7 type="D" input="G">*
Numru tad-deċiżjoni tal-KE	*<0.8 type="S" input="G">*
Data tad-deċiżjoni tal-KE	*<0.9 type="D" input="G">*

([1]) Didaskalija għall-karatteristiċi tas-sezzjonijiet:
tip: N = Numru, D = Data, S = String, C = Kaxxa ta' verifika, P = Perċentwal, B = Boolean
input: M = Manwali, S = Għażla, G = Iġġenerat mis-sistema
"maxlength" = Numru massimu ta' karattri li jinkludi l-ispazji

1. PREPARAZZJONI TAL-PROGRAMM OPERATTIV U INVOLVIMENT TAL-IMSIEĦBA

1.1. **Preparazzjoni tal-programm operattiv u involviment tal-imsieħba (skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)**

<1.1 type="S" maxlength="14000" input="M">

1.2. **Riżultat tal-evalwazzjoni ex ante (skont l-Artikolu 18(1)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)**

1.2.1. *Deskrizzjoni tal-proċess ta' evalwazzjoni ex ante*

<1.2.1 type="S" maxlength="3000" input="M">

1.2.2. *Ħarsa ġenerali lejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwaturi ex ante u deskrizzjoni fil-qosor ta' kif ġew indirizzati*

Suġġett [Definit minn qabel mill-KUMM]	**Rakkomandazzjoni**	**Kif ġiet indirizzata r-rakkomandazzjoni, jew għaliex ma ġietx ikkunsidrata**
<1.2.2 type="S" input="S">	*<1.2.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*	*<1.2.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*
…	…	…
…	…	…

▼B

2. SWOT U IDENTIFIKAZZJONI TAL-ĦTIĠIJIET (SKONT L-ARTIKOLU 18(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 508/2014)

2.1. **Analiżi SWOT u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull waħda mill-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-FEMS

Prijorità tal-Unjoni għall-FEMS	Titolu tal-prijorità tal-Unjoni għall-FEMS <2.1 type="S" input="S">]
Punti pożittivi	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Dgħufijiet	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Opportunitajiet	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Theddidiet	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet abbażi tal-analiżi SWOT	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Konsistenza tal-analiżi SWOT mal-Pjan Strateġiku Nazzjonali Multiannwali għall-akkwakultura (*)	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Konsistenza tal-analiżi SWOT mal-progress sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' MSFD	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*
Ħtiġijiet speċifiċi rigward l-impjiegi, l-ambjent, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tal-innovazzjoni	*<2.1 type="S" maxlength="10500" input="M">*

(*) applikabbli għall-prijorità numru 2 tal-Unjoni.

2.2. **Indikaturi tal-kuntest li jippreżentaw is-sitwazzjoni inizjali**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull waħda mill-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-FEMS

Prijorità tal-Unjoni għall-FEMS	Titolu tal-prijorità tal-Unjoni għall-FEMS *<2.2 type="S" input="S">*				
Indikatur tal-kuntest li jippreżenta s-sitwazzjoni inizjali	Sena bażi	Valur	Unità tal-kejl	Sors tal-informazzjoni	Kummenti/ Ġustifikazzjoni
<2.2 type="S" input="S">	*<2.2 type="N" input="S">*	*<2.2 type="N" input="M">*	*<2.2 type="S" input="G">*	*<2.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*	*<2.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*
…	…	…	…	…	…
…	…	…	…	…	…

▼B

3. DESKRIZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA GĦALL-KONTRIBUT TAL-PROGRAMM OPERATTIV LIT-TKABBIR INTELLIĠENTI, SOSTENIBBLI U INKLUSSIV (SKONT L-ARTIKOLU 27 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1303/2013)

3.1. **Deskrizzjoni tal-istrateġija**

<3.1 type="S" maxlength="21000" input="M">

3.2. **Għanijiet speċifiċi u indikaturi tar-riżultati**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull waħda mill-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-FEMS

Prijorità tal-Unjoni	Titolu tal-prijorità tal-Unjoni *<3.2 type="S" input="S">*		
Għan speċifiku	Titolu tal-għan speċifiku *<3.2 type="S" input="S">*		
Indikatur tar-riżultat, jiġifieri, il-mira, li l-Istat Membru jipprova jilħaq bl-appoġġ tal-FEMS	Titolu tal-indikatur tar-riżultat u l-unità tal-kejl tiegħu	Valur fil-mira għall-2023	Unità tal-kejl
	<3.2 type="S" input="S">	*<3.2 type="N" input="M">*	*<3.2 type="S" input="G">*
	…	…	…

3.3. **Miżuri rilevanti u indikaturi tar-riżultati**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull għan speċifiku magħżul qabel tal-prijorità rilevanti tal-Unjoni

Prijorità tal-Unjoni	Titolu tal-prijorità tal-Unjoni *<3.3 type="S" input="G">*						
Għan speċifiku	Titolu tal-għan speċifiku *<3.3 type="S" input="G">*						
Titolu tal-miżura rilevanti magħżula		Indikaturi tar-riżultati għal kull miżura				Ġustifikazzjoni għall-kombinazzjoni tal-miżuri tal-FEMS (appoġġata mill-evalwazzjoni ex ante u l-analiżi SWOT)	Għan tematiku li għalih qiegħda tikkontribwixxi l-miżura magħżula
	L-indikatur għandu jiġi inkluż fil-Qafas tal-Prestazzjoni	Titolu tal-indikatur tar-riżultati bl-unità tal-kejl tiegħu	Valur fil-mira għall-2023	Unità tal-kejl			
<3.3 type="S" input="S">	*<3.3 type="B" input="S">*	*<3.3 type="S" input="S">*	*<3.3 type="N" input="M">*	*<3.3 type="S" input="G">*		*<3.3 type="S" maxlength="1000" input="M">*	*<3.3 type="S" input="G">*
<3.3 type="S" input="S">	*<3.3 type="B" input="S">*	*<3.3 type="S" input="S">*	*<3.3 type="N" input="M">]*	*<3.3 type="S" input="G">*			*<3.3 type="S" input="G">*
…	…	…	…	…			…

▼B

3.4. **Deskrizzjoni tal-kumplimentarjetà tal-programm ma' Fondi ESI oħra**

3.4.1. *Kumplimentarjetà u arranġamenti ta' koordinazzjoni ma' Fondi ESI oħra u strumenti ta' finanzjament rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali*

<3.4.1 type="S" maxlength="14000" input="M">

3.4.2. *Azzjonijiet prinċipali ppjanati sabiex jinkiseb tnaqqis fil-piż amministrattiv*

<3.4.2 type="S" maxlength="7000" input="M">

3.5. **Informazzjoni dwar l-istrateġiji makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar (fejn rilevanti)**

<3.5 type="S" maxlength="3500" input="M">

4. REKWIŻITI FIR-RIGWARD TA' MIŻURI SPEĊIFIĊI TAL-FEMS

4.1. **Deskrizzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni ta' Natura 2000 u l-kontribut tal-programm għall-istabbiliment ta' netwerk koerenti taż-żoni ta' rkupru ta' stokkijiet tal-ħut kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1])

<4.1 type="S" maxlength="3500" input="M">

4.2. **Deskrizzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-sajd kostali fuq skala żgħira (skont l-Artikolu 18(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)**

<4.2 type="S" maxlength="1500" input="M">

4.3. **Deskrizzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż simplifikati skont l-Artikolu 67(1)(b) sa (d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

<4.3 type="S" maxlength="3500" input="M">

4.4. **Deskrizzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali jew dħul mitluf skont l-Artikolu96 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

<4.4 type="S" maxlength="3500" input="M">

4.5. **Deskrizzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-kumpens skont il-kriterji rilevanti identifikati għal kull waħda mill-attivitajiet implimentati skont l-Artikoli 40(1), 53, 54, 55 u 67 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

<4.5 type="S" maxlength="3500" input="M">

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

▼B

4.6. **Rigward il-miżuri għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-miri u l-miżuri li għandhom jittieħdu għat-tnaqqis tal-kapaċità tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għandha tiġi inkluża wkoll deskrizzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-primjum li għandu jingħata skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

<4.6 type="S" maxlength="7000" input="M">

4.7. **Fondi reċiproċi għal ġrajjiet klimatiċi negattivi u għal inċidenti ambjentali (skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)**

<4.7 type="S" maxlength="3500" input="M">

4.8. **Deskrizzjoni tal-użu tal-assistenza teknika (skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)**

4.8.1. *Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istat Membru*

<4.8.1 type="S" maxlength="3500" input="M">

4.8.2. *Stabbiliment ta' netwerks nazzjonali*

<4.8.2 type="S" maxlength="7000" input="M">

5. INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA DWAR L-IŻVILUPP TERRITORJALI INTEGRAT

5.1. **Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' CLLD**

L-informazzjoni għandha tiffoka fuq ir-rwol tas-CLLD fil-PO tal-FEMS, bi qbil mal-informazzjoni kontenuta fil-Ftehim ta' Sħubija u tevita d-duplikazzjoni tal-informazzjoni diġà inkluża f'dan tal-aħħar.

5.1.1. *Deskrizzjoni tal-istrateġija għas-CLLD (skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)*

<5.1.1 type="S" maxlength="21000" input="M">

5.1.2. *lista tal-kriterji applikati għall-għażla taż-żoni tas-sajd (skont l-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)*

<5.1.2 type="S" maxlength="7000" input="M">

5.1.3. *lista tal-kriterji applikati għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali (skont l-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)*

<5.1.3 type="S" maxlength="7000" input="M">

5.1.4. *deskrizzjoni ċara tar-rwoli rispettivi tal-FLAGs, l-awtorità ta' ġestjoni jew l-entità maħtura għall-kompiti kollha ta' implimentazzjoni b'rabta mal-istrateġiaj (skont l-Artikolu 18(1)(m)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)*

<5.1.4 type="S" maxlength="7000" input="M">

▼B

5.1.5. *Informazzjoni dwar ħlasijiet bil-quddiem lill-FLAGs (skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014)*

Għas-sezzjoni dwar in-netwerks nazzjonali għall-FLAGs jekk jogħġbok irreferi għall-punt 4.8.2 (assistenza teknika)

<5.1.5 type="S" maxlength="3500" input="M">

5.2. **Informazzjoni dwar l-Investimenti Territorjali Integrati (ITIs) (skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

Fejn ITI stabbilit taħt il-Fond Strutturali jkun kumplimentat b'appoġġ finanzjarju mill-FEMS, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

Miżuri tal-FEMS koperti [agħżel minn lista li tinżel]	Allokazzjoni finanzjarja indikattiva mill-FEMS, euro
<5.2 type="S" input="S">	*<5.2 type="N" input="M">*
<5.2 type="S" input="S">	
…	

▼B

6. SODISFAZZJONI TAL-KUNDIZZJONALITAJIET EX ANTE (SKONT L-ARTIKOLU 55 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1303/2013)

6.1. **Identifikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet ex ante applikabbli u valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom**

6.1.1. *Tabella: Kundizzjonalitajiet ex ante speċifiċi applikabbli tal-FEMS u valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom*

Kundizzjonalità ex ante (EAC)	Prijorità jew prijoritajiet tal-Unjoni li għalihom tapplika l-kundizzjonalità applikabbli	Il-kundizzjonalità applikabbli qiegħda tiġi ssodisfata IVA / LE / PARZJALMENT	Kriterji	Kriterji ssodisfati (Iva/Le)	Awtovalutazzjoni bi spjegazzjonijiet dwar l-issodisfar ta' kull kriterju tal-kundizzjonalitajiet ex ante applikabbli	Referenzi (għal strateġiji, atti legali jew dokumenti rilevanti oħra, inklużi sezzjonijiet rilevanti, artikoli jew paragrafi, akkumpanjati minn web-links jew aċċess għat-test sħiħ)
<6.1 type="S" input="S">	*<6.1 type="S" input="S">*	*<6.1 type="B" input="S">*	*<6.1 type="S" maxlength="500" input="S">*	*<6.1 type="B" input="S">*	*<6.1 type="S" maxlength="1000" input="M">* Kriterju 1	*<6.1 type="S" maxlength="500" input="M">*
	…				*<6.1 type="S" maxlength="1000" input="M">* Kriterju 2	*<6.1 type="S" maxlength="500" input="M">*
					…	…
…	…	…			…	…
	…				…	…

▼B

6.1.2. *Tabella: Kundizzjonalitajiet ex ante ġenerali applikabbli u valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom*

<6.1 type="S" maxlength="3500" input="M">

6.2. **Deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, l-entitajiet responsabbli u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom**

6.2.1. *Tabella: Azzjonijiet previsti sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonalitajiet ex ante speċifiċi tal-FEMS*

Kundizzjonalità ex ante	Kriterji mhux issodisfati	Azzjonijiet li jridu jittieħdu	Data ta' skadenza (data)	Korpi responsabbli għall-issodisfar
<6.2 type="S" input="S">	*<6.2 type="S" input="S">*	*<6.2 type="S" maxlength="1000" input="M">* **Azzjoni 1**	*<6.2 type="D" input="M">*	*<6.2 type="S" maxlength="500" input="M">* Entità x
	…	…	…	…
…	…	…	…	…

6.2.2. *Tabella: Azzjonijiet previsti sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonalitajiet ex ante ġenerali*

<6.2 type="S" maxlength="3500" input="M">

7. DESKRIZZJONI TAL-QAFAS TAL-PRESTAZZJONI (SKONT L-ARTIKOLU 22 U L-ANNESS II TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1303/2013)

7.1. **Tabella: Qafas tal-prestazzjoni**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull waħda mill-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-FEMS

Prijorità tal-Unjoni		
Indikatur u unità tal-kejl, fejn ikun xieraq [Indikaturi tar-riżultati minn dawk magħżula qabel fis-sezzjoni 3.3 taħt il-prijoritajiet tal-Unjoni li għandhom jiġu inklużi fil-qafas tal-prestazzjoni]	**Stadju importanti għall-2018**	**Miri għall-2023** [iġġenerati b'mod awtomatiku mill-kapitolu tal-PO li jittratta l-Istrateġija tal-PO]
Indikatur finanzjarju	*<7.1 type="N" input="M">*	*<7.1 type="N" input="M">*
<7 type="S" input="G"> **Indikatur tar-riżultati 1**	*<7.1 type="N" input="M">*	*<7.1 type="N" input="G">*
<7 type="S" input="G"> **Indikatur tar-riżultati 2**	*<7.1 type="N" input="M">*	*<7.1 type="N" input="G">*
…	…	…

▼B

7.2. **Tabella: ġustifikazzjoni għall-għażla tal-indikaturi tar-riżultati li għandhom jiġu inklużi fil-qafas tal-prestazzjoni**

It-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi ripetuta għal kull waħda mill-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-FEMS

Prijorità tal-Unjoni	
Ir-raġuni għall-għażla tal-indikaturi tar-riżultati inklużi fil-qafas tal-prestazzjoni ([1]), inkluża spjegazzjoni tas-sehem tal-allokazzjoni finanzjarja rappreżentata mill-operazzjonijiet, li se jipproduċi r-riżultati, kif ukoll il-metodu applikat biex jiġi kkalkulat is-sehem, li jrid jaqbeż 50 % tal-allokazzjoni finanzjarja għall-prijorità	*<7.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*
Dejta jew evidenza użati biex jiġi stmat il-valur tal-istadji importanti u l-miri u l-metodu tal-kalkolu (eż. kostijiet ta' unità, valuri referenzjarji, rata standard jew imgħoddija tal-implimentazzjoni, parir espert, konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ex ante)	*<7.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*
Informazzjoni dwar kif il-metodoloġija u l-mekkaniżmi sabiex jassiguraw il-konsistenza fil-funzjonament tal-qafas tal-prestazzjoni ġew applikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija	*<7.2 type="S" maxlength="1000" input="M">*

([1]) L-indikaturi tar-riżultati huma definiti mill-għażla tal-miżuri, iżda s-subsett ta' indikaturi tar-riżultati użati fil-qafas tal-prestazzjoni jrid jiġi ġustifikat

8. PJAN TA' FINANZJAMENT (SKONT L-ARTIKOLU 20 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1303/2013 U FLIMKIEN MAL-ATT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 16(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 508/2014).

8.1. **Kontribuzzjoni totali tal-FEMS ippjanata għal kull sena, euro**

Sena	Allokazzjoni prinċipali tal-FEMS ([1])	Riżerva għall-prestazzjoni mill-FEMS
2014	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2015	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2016	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2017	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2018	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2019	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
2020	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*
Total	*<8.1 type="N" input="G">*	*<8.1 type="N" input="G">*

([1]) Allokazzjoni prinċipali tal-FEMS = Allokazzjoni totali tal-Unjoni tnaqqas minnha l-allokazzjoni għar-riżerva għall-prestazzjoni.

▼B

8.2. **Kontribuzzjoni tal-FEMS u r-rata ta' kofinanzjament għall-Prijoritajiet tal-Unjoni, Assistenza Teknika u appoġġ ieħor (f'euro)**

		Appoġġ totali			Allokazzjoni prinċipali (finanzjament totali tnaqqas minnu r-riżerva għall-prestazzjoni)		Riżerva għall-prestazzjoni		Ammont ta' riżerva għall-prestazzjoni bħala proporzjon tal-appoġġ totali tal-Unjoni
Prijoritajiet tal-Unjoni	Miżura/i taħt il-Prijorità tal-Unjoni	Kontribuzzjoni tal-FEMS (inkluża r-riżerva għall-prestazzjoni)	Kontroparti nazzjonali (inkluża r-riżerva għall-prestazzjoni)	Rata ta' kofinanzjament tal-FEMS	Appoġġ mill-FEMS	Kontroparti nazzjonali	Riżerva għall-prestazzjoni tal-FEMS	Kontroparti nazzjonali [1]	
		a	b	c = a/(a + b) × 100	d = a – f	e = b – g	f	g = b × (f/a)	h = f/a × 100
1. Il-promozzjoni ta' sajd ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien	L-Artikolu 33, l-Artikolu 34 u l-Artikolu 41(2) *(l-Artikolu 13(2) tal-FEMS)*	*<8.2 type="N" input="M">*	*<8.2 type="N" input="M">*	50 %			*<8.2 type="N" input="M">*		
	Allokazzjoni finanzjarja għall-bqija tal-prijorità 1 tal-Unjoni *(l-Artikolu 13(2) tal-FEMS)*	*<8.2 type="N" input="M">*	*<8.2 type="N" input="M">*	mass 75 %, min 20 %			*<8.2 type="N" input="M">*		
2. It-trawwim ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien *(l-Artikolu 13(2) tal-FEMS)*		*<8.2 type="N" input="M">*	*<8.2 type="N" input="M">*	mass 75 %, min 20 %			*<8.2 type="N" input="M">*		
3. It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS	it-titjib u l-forniment ta' għarfien xjentifiku u l-ġbir u l-ġestjoni tad-data *(l-Artikolu 13(4) tal-FEMS)*	*<8.2 type="N" input="M">*	*<8.2 type="N" input="M">*	80 %			*<8.2 type="N" input="M">*		

▼B

